MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 300/1994/1

**Leslie Causon ghan-nom u in rappresentanza ta' Gasan Insurance Agency Limited u din bhala agent u mandatarja tas-socjeta estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation PLC ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Gasan Enterprises Limited skond il-ligi u skond l-polza ta' assigurazzjoni (939018).**

**vs**

**Godwin Abela ghan-nom u in rappresentanza ta' The Cargo Handling Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur nomine s-somma ta'

Lm175 rappresentanti hsarat f'konsenja ta' 64 karozza Ford li wasslu Malta fit-23 ta' Marzu 1993 abbord l-vapur Valencia Bridge ghal liema hsarat il-konvenut responsabbli.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet mid-data tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut nomine u li biha eccepixxa (fol 8 tal-atti):-

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li gia tezisti kawza fuq l-istess ismijiet fuq l-istess mertu quddiem il-Qorti tal-Magistrati Avviz nru 299/94 D.S. appuntata ghat-2 ta' Mejju, 1994 u ghalhekk tapplika l-eccezzjonijiet ta' "Lis Alibi pendens" u "ne bis in idem".

2. Illi fit-tieni lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta The Cargo Handling Co. Ltd. ikkonsenjat u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mill-ligi.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi pprovata l-allegata surroga.

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma ghal kollox esagerati.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi jiddekorru mid-data tan-notifika stante li si tratta dwar kawza ta' danni (sentenza ta' l-Appell - Sede Kummercjali decisa fis-sitta ta' April 1992 Citaz Nru 112/86 – Dr Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud, Godwin Abela u John Cavallo).

6. Illi fl-ahhar nett ai termini tal-Aritkolu 90 tal-Port Regulations (Part VII) Warehousing/Goods stored in the open or deposited in the open, always at the sole risk

of the owner u ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta konvenuta ma’ tistax tinsab responsabbli.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal a fol 15 ibid minn fejn jirrisulta illi:

a) Il-konvenut nomine kien irtira l-ewwel eccezzjoni in rigward “lis alibi pendens” u;

b) li l-istess Qorti, kif diversament presjeduta, kienet issottolineat “ex ufficio” l-inkompetenza taghha” kif ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri (fol 21 ibid) u li biha l-konvenut nomine eccepixxa:-

Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonjiet gia sollevati din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti “Rationae Materiae” stante li hawn si tratta ta’ materja ta’ assikurazzjoni marittima li taqa taht il-kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Kummerc ai termini  tal-Artikolu 38 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u skond is-sentenza Noel Ellul nomine vs David Jones u Godwin Abela decisa fil-Qorti ta’ l-Appell Inferjuri fit-22 t’April 1994 Avviz Nru 1128/92GV.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni ta’ inkompetenza “ratione materiae” (fol 50 sa fol 52 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza b’mod specjali in-nota tal-osservazzjonijiet sottomessa mill-attur nomine.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-fatti in esami huma s-segwenti:

Is-socjeta Gasan Enterprises Limited kienet importat, F’Malta, 64 karozza tal-marka “Ford Escort u Ford Fiesta” liema karozzi waslu f’Malta fit-23 ta’ Marzu 1993 fuq il-vapur “Valencia Bridge” u aventi l-“bill of lading” minn MAL 006.  Wara li gew processati d-dokumenti relattivi, c-cwievet tal-istess vetturi kienu ngabru minghand is-socjeta

konvenuta u l-istess vetturi inhargu fis-26 ta’ Marzu 1993. Pero, qabel dan, kienu gew esaminati u sar “survey” taghhom u irrisulta li kien hemm hsarat u partijiet neqsin li taghhom saret lista kif ukoll saret talba ghal risarciment minghand id-ditta assikurattrici, liema hlas sar u hu l-ammont mitlub fl-avviz in esami (ara l-“affidavit” ta’ Emanuel Camilleri a fol 52B tal-atti). In rigward il-premess gew esebiti diversi dokumenti mill-istess attur nomine u li jinsabu a fol 62 et seq ibid). Dawn huma l-ircevuta tal-hlas bir-relattiva surroga, il-“joint tally sheet u r-rapport tas-surveyor”, Wilfred Fenech. Dan ikkonferma (fol 44 ibid) illi fis-26 ta’ Marzu 1993, kien hejja “survey report” u fuqu kien innota l-hsarat u nuqqasijiet li kien ikkonstata, meta esamina l-istess vetturi wahda wahda fil-Port (Laboratory Wharf) u qabel ma inhargu minn hemm.

Jigi notat li kif xehed John Gatt (fol 78 u fol 79 ibid), id-Direttur tal-Portijiet ma kien ta’ ebda ordni “fejn jinhattu l-vetturi”. Dan ix-xhud issottolinea illi “Hija l-cargo handling company li tiddeciedi fejn titpogga l-merkanzija una volta li tinhatt …..”

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut nomine pproduca biss lil Peter Bonello (fol 88 sa fol 90 tal-atti) li xehed illi, a basi tat-tally sheet numru 61368 esebita a fol 92 ibid il-konvenut nomine kien ircieva 64 karozza f’liema dokument ma hemm indikat ebda hsara fuq l-istess karozzi. L-istess jidher mill-“gate pass out” relattiv esebita ukoll a fol 91 ibid.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher car illi, waqt li l-istess karozzi kienu kostuditi mill-konvenut nomine, instab li dawn kellhom hsarat u partijiet neqsin. In rigward dan jirrisulta mill-joint tally sheet li saret kemm mill-agent tal-vapur kemm mill-konvenut nomine illi meta ‘l-istess vetturi gew konsenjati mill-konvenut nomine dawn ma kellhom “ebda rimarki negattivi” u b’hekk ma kellhomx hsarat u nuqqasijiet f’dan l-istadju. Ghalhekk, bhala stat ta’ fatt, irrisulta b’mod car li l-istess hsarat u nuqqasijiet avveraw ruhom meta l-

karozza kollha kienu taht il-kontroll u kustodja tal-konvenut nomine li hu l-kuntrattur uniku tal-portijiet u li, sahansitra, kellu c-cwievet tal-istess vetturi fil-pussess tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut nomine, kif jidher mill-eccezzjonijiet sottomessi minnu, irrikorra ghall-artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Port li jesonerah minn kull responsabilita' meta l-merkanzija tigi stivata fl-apert. Hawnhekk il-Qorti tara li ghandha taqbel ma dak sottomess mill-istess attur nomine fis-sottomissjonijiet maghmula minnu fis-sens li tali artikolu ma hux applikabbli ghal dan il-kaz ghax:-

(i) Is-Supretendent tal-Portijiet, f'dan il-kaz, ma kienx ta' ordni sabiex il-karozzi in kwistjoni jinzammu fl-apert minlok li jigu mahzuma b'bini.

(ii) Skond il-gurisprudenza citata fl-istess nota ta' sottomissjonijiet mill-attur nomine permezz tal-abili difensur tieghu kien gie ritenut illi l-istess artikolu ma jesonarax lil minn ghandu il-kustodja tal-istess oggetti minn "dolo" kolpa gravi jew ljevi f'kaz ta' ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diligenza rikjest fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, u dan "… bhala depositarju tal-merkanzija u ghalhekk hija obligata li tikkustodixxi l-merakanzija bhala "<u>bonus pater familias</u>" (ara l-artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili).

Ikkunsidrat

Illi b'referenza ghall-eccezzjonijiet sollevati u ghadhom pendenti, jidher mill-premess li s-socjeta' konvenuta ma uzatx id-debita diligenza rikjesta minnha bhala kustodju tal-istess vetturi li s-sewwieqa, kif premess tinsab esebita mal-atti, li l-"quantum" mitlub filwaqt li bl-ebda mod ma jidher esagerat, gie sufficjentement pruvat permezz tad-dokumenti hawn fuq imsemmija u li artikolu 90 hawn fuq citat filfatt ma jesonerax lis-socjeta' konvenuta, kif hawn fuq gie premess. Dwar il-hames eccezzjoni, il-Qorti hi tal-fehma li dawn ghandhom jiddekorri mid-data tal-

presentata ta' dan l-avviz u dan skond l-artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm175.00,0 bl-imghax legali mid-19 ta' Marzu 1994 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

--------------------------------TMIEM--------------------------------